# L-AGRIKOLTURA U L-ISFIDI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

Rajt it-tbassir tat-temp fuq it-TV din il-ġimgħa? Ħafna minna jiddeċiedu x'se jilbsu skont it-tbassir tat-temp. Għall-bidwi, it-temp huwa importanti ħafna għaliex l-agrikoltura tiddependi ħafna iżjed fuq it-temp u l-klima minn ħafna setturi oħrajn.

**1.** **Dawwar b'ċirku kwalunkwe avveniment ħażin relatat mal-klima li seħħ u affettwa l-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel f'pajjiżek f'dan l-aħħar deċenju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għargħar | Maltempati fix-xitwa | Tnaqqis fil-produzzjoni tal-għelejjel, għelejjel li ma jirnexxux | Perjodi ta' sħana kbira, nuqqas ta' xita fis-sajf |
| Żieda fil-livelli tal-baħar | Bidla fl-istaġun tat-tkabbir | Erożjoni tal-ħamrija | Kwistjonijiet ta' saħħa u benessri tal-annimali |
| Nixfa | Telf ta' ħabitats | Skarsezza tal-ilma | Żieda ta' pesti u speċijiet aljeni |





**2.** Flimkien ma' sieħeb/sieħba elenka wħud mill-avvenimenti tat-temp u klimatiċi (ara l-eżerċizju 1) li jista' jkollhom effett fuq l-elementi differenti tal-agrikoltura ta' hawn taħt.

| L-AGRIKOLTURA HIJA MILQUTA MIT-TIBDIL FIL-KLIMA | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-għelejjel | | | | |
| Il-bhejjem | | | | |
| Il-ħamrija u l-pajsaġġ | | | | |
| L-ilma ta' taħt l-art u l-livell tal-baħar | | | | |
| Il-frott tal-baħar | | | | |
| Il-bijodiversità u l-ekosistemi | | | | |
| Il-bidwi, il-familja u d-dħul | | | | |

Jista' jkun interessanti li taħseb ukoll dwar kif it-tibdil fil-klima jaffettwa reġjuni differenti tal-UE f'modi differenti. Liema huma l-impatti ewlenin li probabbilment jaffettwaw il-bdiewa fejn tgħix?

Ara l-mappa fil-paġna li ġejja għal iżjed informazzjoni dwar kif it-tibdil fil-klima qed jaffettwa l-UE.